# Il-Ħadd 17.02.2019

1. Illum 17/02:
   - Fid-9:00am - Il-Quddiesa mill-Parroċċa tagħna ser tixxandar fuq TVM2.
     Nieħdu ħsieb inwasslu l-aħbar lill-morda u lil dawk kollha
     li ma jistgħux jingħaqdu magħna għall-quddiesa tal-Ħadd.
   - Fuq iz-zuntier, membri tal-*'Kor Sine Macula'* ser ikunu qed ibiegħu kannoli bħala *fund raising* għal esperjenza li fis-sajf ser ikunu qed jagħmlu barra minn Malta.

2. It-Tlieta 19/02:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani. Kulħadd mistieden.

3. Il-Ħamis 21/02:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji aktar tard matul dil-ġimgħa mingħand il-helpers.
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ħadd 24/02:
   - Fid-9:00am - Fil-Quddiesa ser ikollna xi voluntiera mill-Grupp *Passi & Beyond* li l-għan tagħhom hu li jgħinnu nies vulnerabbli mhux biss f'pajjiżna, imma ukoll minn diversi pajjiżi fosthom l-Albanija u l-Filippini. Jixtiequ jħajru aktar żgħażagħ minn 18-il sena 'l fuq sabiex jissieħbu magħhom, speċjalment f'esperjenzi li qed jorganizzaw għal matul is-sajf.
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

5. It-Tnejn 25/02:
   - Fis-7:15pm ser issir Laqgħa importanti għall-Ġenituri ta' dawk it-tfal li se jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof din is-sena. Din ser issir fil-Museum tas-Subien.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 20 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
     Grazzi mill-qalb.

7. Nitolbu għal Maria Muscat li għaddiet għal ħajja ta' dejjem.
   Agħtiha, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem ...